MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2672/2002

**Tony Grixti**

**vs**

**Patrick Delia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Novembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u sebgha u tmenin lira Maltin u sitt centezmi (Lm787.06) rappresentanti prezz globali ta' zewg konsenji ta' spiriti u minerali maghmula lilu mill-attur, wahda ta' Lm415.01 u l-ohra ta' Lm372.05 (Dok. A u Dok. B rispettivament). Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-25 ta' Ottubru 2002 u bl-imghax mid-dati tal-konsenji sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Roberto Montalto in rappresentanza tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u disa' u tletin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm739.18), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------